9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 58**

**It-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2022**

Il-Laqgħa numru 58 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

### 58.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

Is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Courtney Farrugia kien ser tkun preżenti aktar tard għal raġunijiet personali.

### 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

#### 58.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tat-58 laqgħa ġew approvati unanimament.

### 58.2.2 Korrezzjonijiet

**58.2.2.1 – Minuta 57.3.2** minflok il-kelma "Sinku" issir "Sindku"
**58.2.2.2 – Minuta 57.3.3** jiżdied il-kunjom "Mallia" wara "Fr Gigi"
**58.2.2.3 – Minuta 57.5** – jitranġa in-numerar minn 57.5.2 sa 57.5.9
**58.2.2.4 – Minuta 57.7.1** – tiżdied il-frażi "Pagament lil LESA ġie miżmum fuq raġunijiet li kienu diġa ġew elenkati fil-laqgħat preċedenti."

## 58.3 Punti mqajjma mill-minuti

**58.3.1** Minuta 57.3.1 – Is-Sindku rrimarka li l-laqgħa mas-Sur Gauci u s-Sur Mario Coleiro flimkien mas-Sur Silvio Vella għadha ma ssejħitx għaldaqstant kien ser jitlob hu stess sabiex tissejjaħ din il-laqgħa.

**58.3.2** Minuta 57.3.3 – Is-Sindku informa lill-membri li ċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Santa Venera ser issir f'Dar San Ġużepp. Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku sabiex jippreżenta l-programm tal-attivitajiet li ser isiru f'dan il-jum. Is-Sur Falzon spjega li fil-11:00am ser tiġi ċċelebrata festa tfal fil-kulleġġ ta' Santa Tereża fejn issir issir purcissjoni bl-istatwa ta' Santa Venera li ser tkun qed tinġarr mill-istess tfal. Oltre, it-tfal ser jingħataw ukoll bookmark ta' Santa Venera bħala tifkira għal dan il-jum.

Filgħaxija bħal kull sena ser ikun hemm il-quddiesa fil-knisja l-qadima u wara ser ikun hemm il-banda li ser takkumpanja lill-membri tal-Kunsill sal-istatwa ta' Santa Venera f'Misraħ Santa Venera sabiex jitpoġġew il-fjuri. Wara il-banda ser tkompli bil-marci madwar it-toroq ta' Santa Venera fejn ser tispiċċa quddiem Dar San Ġużepp fejn wara tibda iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġieħ u Mertu Santa Venera 2022.

**58.3.3** Minuta 57.3.3 - Is-Sindku informa lill-membri li saru l-intervisti tal-Assistent Prinċipal u tal-post vakanti klerikali. Wara li saru l-intervisti u ġew evalwati l-applikazzjonijiet, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-marki li ħareġ bihom il-Bord hekk kif segwenti:

Assistent Prinċipal: Is-Sa Silvana Agius Degabriele ġabet 88% tal-marki
Klerikali: Kien hemm ħames applikazzjonijiet li tnejn minnhom ma ġewx għall-intervista fejn l-ogħla marka kienet tas-Sur Hayden Muscat li ġab 88% tal-marki.
Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament ma' dan ir-riżultat sabiex dawn iż-żewġ applikanti jkunu ingaġġati mill-aktar fis possibbli.

**58.3.4** Minuta 57.5.1 - Is-Sindku talab lis-Sur Joe Vella sabiex jinforma lill-membri dwar it-tħawwil tas-siġra f'Jum it-Tifkira. Is-Sur Vella spjega li Jum it-Tifkira ser jiġi ċċelebrat il-Ħadd 13 ta' Novembru fejn kif isir issoltu, wara il-quddiesa ser jitpoġġew fjuri quddiem il-lapida tal-gwerra u wara ser titħawwel is-siġra b'tifkira għar-Regina Elizabetta II. Is-Sindku qal ukoll li wara din iċ-ċelebrazzjoni ser isir il-ftuħ uffiċċjali tal-Playground San Ġorġ Preca in-naħa tal-Palazz l-Aħmar.

Il-Membri qablu unanimament.

**58.3.5** Minuta 57.5.3 – Is Sindku informa lill-membri li l-Perit tal-Kunsill ma laħaqx jagħmel il-BOQ fil-ħin sabiex il-Kunsill japplika għall-iskema SPI/SCI/9/2022 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom.

**58.3.6** Minuta 57.5.5 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Fondazzjoni Wirt Vendriz infurmawh li l-bust ta' Patri Ġustin Sant li kellu jsir fi ġnien Romeo Romana ġiet posposta għal ġurnata oħra.

**58.3.7** Minuta 57.6.2 – Is-Sindku nfirma lill-membri li l-applikazzjonijiet fuq il-kiri tal-garaxx tagħalaq fit-30 t'Ottubru u li sa din il-ġurnata il-Kunsill kien irċieva żewġ applikazzjonijiet. Din ser tkun diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**58.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**58.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-laqgħa plenarja li ser issir bejn l-25 u s-26 ta' Novembru ġewwa Għawdex. Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex jaraw din il-korrispondenza li rċivew bl-imejl sabiex dawk interessati li jattendu jinfumaw lill-Kunsill sabiex jiġu rreġistrati.

**58.4.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kummissjoni *Gender-Based Violence and Domestic Violence* kitbu lil Transport Malta sabiex tkun awtorizzata tabella tas-sinjali li tfakkar is-16-il ġurnata Internazzjonali kontra l-vjolenza domestika. F'dan ir-rigward ikun għaqli li wieħed jistenna d-deċiżjoni li ser tieħu Transport Malta.

**58.4.3** Is-Sindku informa lil membri li l-Fun Run tal-President ta' Malta ser issir il-Ħadd 20 ta' Novembru 2022 u waħda mir-rotot tal-mixja ser titlaq minn Santa Venera. Wara diskussjoni ġie suġġerit sabiex ikunu involuti l-iscouts u l-banda. Apparti minn hemm ġie deċiż ukoll sabiex il-Kunsill jixtri elf bandiera sabiex titqassam lill-parteċipanti li ser jippartecipaw fdin il-mixja.

**58.4.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-iskema Nazzjonali tar-rifużjoni tal-kontenituri tax-xorb se tibda fl-14 ta' Novembru 2022. L-iskema tar-rifużjoni tal-kontenituri tax-xorb timmira li tiġbor u tirriċikla sa 90% tal-kontenituri tax-xorb li jintużaw darba biss f'Malta u Għawdex sas-sena 2026, soluzzjoni serja għall-problema tal-iskart.

**58.4.5** Is-Sindku informa lill-Membri li rċieva komunikat mingħand ss-Sur Joe Vella dwar tweġiba parlamentari mill-ministru l-Onor. Owen Bonnici fis-seduta 33 ta' 17/10/2022 fejn jirriżulta li l-lokalita tagħna ta' Santa Venera m'hiex waħda mill-lokalitajiet li għandhom servizz ta' darba fil-ġimgħa tal-ġbir tal-borza tal-iskart domestiku riċiklat. Is-Sindku talab għal aktar informazzjoni f'dan ir-rigward iżda ukoll infurmah bl-iskambju ta' korrispondenza li hemm għaddejja bejn iż-żewġ partijiet.

**58.5 Rapporti / Korrispondenza**

**58.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li ser isiru żewġ attivitajiet ġewwa ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum bl-ewwel attivita' ser issir fil-11 t'Ottubru 2022 sabiex ikun ċelebrat Jum Santa Venera u t-tieni attivita' ser issir fis-16 ta' Diċembru 2022 fi żmien il-Milied. F'dan ir-rigward qiegħed jintalab sabiex il-Kunsill iħallas għall-entertainemnt ghal dawn iż-

żewġ attivitajiet fejn ser jinġieb vjolonist u l-ispiża għal kull attivita' hi ta' €150 ta' siegħa u nofs kull darba.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament

**58.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li t-tender tal-iskart waslet biex tagħlaq. Is-Sindku qal li is-servizz li qed joffru Steve u Adrian, żewġ kuntratturi minn tlieta mqabbda, mhux qed ikun kif mixtieq u għaldastant il-Kunsill ġab kwotazzjonijiet mingħand kuntratturi oħra. B'kollox inġiebu 5 kwotazzjonijiet u l-irħas żewġ kwotazzjonijiet kienu ta' Mifsud Landscape Services €67 u Carmelo Azzopardi €75.

Wara diskussjoni il-membri qablu b'mod unanimu sabiex ix-xogħol isir mis-Sur Carmelo Azzopardi minħabba l-fatt li Mifsud Landscaping Services diga' ghandu il-kuntratt tal-ġonna mal-Kunsill. Is-Sindku ppropona u s-Sa Roberta Sultana ssekondat il-proposta lix-xogħol isir mis-Sur Carmelo Azzoprdi filwaqt li l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

**58.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Sur Christian Attard sabiex fit-12 ta' Novembru 2022 bejn is-2:00pm u is-6:00pm isir filming fil-Kunsill. Wara diskussjoni il-membri qablu li mportanti li xi ħadd mill-ħaddiema jkun preżenti u għaldaqstant is-Sur Attard jintalab sabiex iħallas għall-ispejjeż tal-ħaddiem tal-Kunsill.

**58.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat dwar Skema Ċirkulari SPI/SCI/10/2022 - Espressjoni ta' Interess - Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex. Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed japplika minn din l-espressjoni ta' interess mibgħuta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Fejn dawk il-Kunsilli lokali li jixtiequ jipparteċipaw u jinkludu xogħlijiet ta' titjib fil-latrini pubbliċi tal-lokalità tagħhom għandhom jibdew jiġbru l-informazzjoni malajr kemm jista' jkun. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex naraw hux possibli li naqilbu il-latrina li hemm proposta għal Ġnien Romeo Romano peress li t-tender kien diġa ħareġ. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**58.5.5** Is-Sindku informa lill-membri sabiex issir estenzjoni fuq il-dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand ir-Regjun Nofsinhar li fis-2023 dan Regjun ser ikun ir-Regjun Kulturali għas-2023. F'dan ir-rigward kull lokalita' li tgħamel parti minn dan ir-Regjun ser tkun allokata €25k sabiex issir attivita' sinonima mal-Lokalita'. Il-membri qablu unanimament. Aktar diskussjonijiet iridu jsiru sabiex ikun elenkat program għal din l-attivita' imfassal għas-16 ta' Settembru 2023 bl-attivita' tkun immirata sabiex issir b'tema ta' Folklor Malti.

**58.5.6** Is-Sindku informa wkoll lill-membri li sabiex il-fondi tan-Norwegian Funds tiġi mġedda minħabba li ix-xogħol relatat mal-proġett għadu bikri.

Il-Membri qablu unanimament.

**58.5.7** Is-Sindku informa lill membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand Infrastructure Malta sabiex il-Kunsill jibgħat il-lista ta' toroq li għad fadlilhom biex isiru. Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament li f'Santa Venera fadal din il-lista ta' toroq:

- Triq il-Kbira San Ġużepp
- Parti minn Triq San Ġorġ
- Triq il-Ħarrub
- Triq Carini
- Triq il-Kukkanja
- Triq Qormi
- Triq Emmanuel Attard
- Triq il-Parata
- Triq l-Inkwina
- Triq in-Nagħal
- Triq il-Parilja
- Triq Vivion
- Triq il-Fanali
- Misraħ il-Kebbies
- Triq Reġjonali
- Triq il-Kappillan Mifsud
- Parti minn Triq l-Istitut Bonniċi
- Parti minn Triq Ħal Kaprat

**58.5.8** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-Kumitat Festi Esterni Santa Venera sabiex il-Kunsill ikun kollaboratur għall-attivta' li ser issir lejliet l-ewwel tas-sena. Wara diskussjoni fejn is-Sindku spjega li l-Kunsill ma jistax jiffinanzja din l-attivita' li hija marbuta maċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Ewwel tas-Sena minħabba l-fatt li din l-attivita' mhux qed tkun organizzata mill-Kunsill Lokali, apparti li kull għaqda taf torganizza xi ħaġa simili. Wara diskussjoni, ittieħed vot fejn 5 voti kienu favur ma dak li ppropona is-Sindku, vot kontra u kien hemm astenzjoni waħda.

**58.5.9** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju fejn dawn infurmaw lill-Kunsill li minħabba diversi raġunijiet, l-Għaqda mhux ser tkun f'pożizzjoni li tonora l-ftehim sa Awwissu 2023 u għaldaqstant talbet sabiex mill-1 ta' Novembru tinstab għaqda oħra sabiex tkompli tiftaħ u tagħlaq il-ġonna. In vista li ż-żmien kien wieħed limitat, is-Sindku qal li hu ikkomunika mal-Kumitat Festi Esterni sabiex jara humiex interessati u għandhom jinfurmaw lill-Kunsill fil-ġranet li gejjin mill-banda l-oħra jekk ir-risposta tkun fin-negattiv il-Kunsill jerga' javviċina lil-Kumitat tal-Banda.

Il-Membri qablu unanimament.

**58.5.10** Is-Sindku informa lill-membri li waslet proposta sabiex Triq l-Industrija Santa Venera tiġi *two way* minħabba konġestjoni li kien qed ikun hemm.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

**58.5.11** Is-Sindku informa ukoll lill-membri li kien irċieva komunikat mill-Accountatant tal-Kunsill rigward iċ-Ċentru Ċiviku fejn ta' konferma li qedgħin f'pożizzjoni li nkomplu bl-applikazzjoni.

## 58.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

**58.6.1 *Management Letter Reply* għas-sena 2022**

Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jispjega l-*Management letter*. Id-Deputat Segretsarju Eżekuttiv spjega l-*Management letter* u wara diskussjoni fuq il-punti mqajjma s-Sindku ppropona l-*Management letter Reply* filwaqt li s-Sur Joe Vella issekonda lis-Sindku u l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

**58.6.2 Nominazzjonijiet - Gieħ / Mertu Santa Venera**

Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-Membri dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Għażla. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li fil-preżenza tal-Membri tal-Kumitat wara li infetħu n-nominazzjonijiet, il-Kumitat sar jaf min huma l-persuni li ġew nominati għall-Ġieħ u Mertu Santa Venera 2022 fejn dawn kienu:

**Nominazzjoni - Ġieħ Santa Venera**

1. Il-mibki, is-Sur Anthony Pizzuto (kellu 2 nominazzjonijiet)
2. Is-Sur Clive u s-Sur Clyde Mallia
3. Onor. Dott. Darren Carabott
4. Is-Sur Stanley Spiteri
5. Kappillan Maurice Abela
6. Is-Sur Ġuzi Cilia

**Nominazzjoni – Mertu**

1. Il-mibki, is-Sur Anthony Pizzuto (kellu 2 nominazzjonijiet)
2. Is-Sur Edwin Galea
3. Is-Sa Romina Frendo
4. Green Fields
5. Is-Sur Vincent Magro

In-nomini kollha kienu validi skont dak li hu indikat fil-linji gwida u li minn din is-sena ġew emendati. Il-motivazzjoni ta’ kull nomina nqrat u ġiet analizzata u diskussa mill-membri tal-Kumitat abbażi ta’ artikli 4.0 u 5.0 tal-istess linji gwida. Dan wassal sabiex in-nominati jiġu kklassifikati fi klassifika skont il-motivazzjonijiet li kitbu l-proponenti u li huma responsabbli tal-kontenut tal-formola skont kif indikat fil-linji gwida.

Wara diskussjoni u evalwazzjoni profonda fuq in-nominati kollha għall-Ġieħ Santa Venera, il-Kumitat unanimament qablu li n-nominazzjoni tas-Sur Stanley Spiteri kienet tikklassifika fuq quddiem fost in-nomini li kien hemm u ghaldaqstant unanimamnet qablu li s-Sur Spiteri għandu jingħata Ġieħ Santa Venera 2022.

Wara dikussjoni u evalwazzjoni profonda fuq in-nominati kollha għall-Mertu Santa Venera, il-Kumitat unanimament qablu li n-nominazzjoni tal-Greenfields kienet tikklassifika fuq quddiem fost in-nomini li kien hemm u għaldaqstant unanimament qablu li l-Greenfields għandhom jingħataw Mertu Santa Venera 2022.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kumitat jirrakkomanda lill-Kunsill Lokali Santa Venera li: Ġieħ Santa Venera 2022 jingħata lis-Sur Stanley Spiteri u Mertu Santa Venera 2022 jingħata lill-Greenfields.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament ma' dak li ġie rakkomandat mill-Kumitat tal-Ġieħ iżda b'riserva fejn il-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill ħassew li l-mibki, is-Sur Anthony Pizzuto kellu jingħata wieħed mill-premijiet.

Is-Sindku flimkien mal-Membri qablu unanimament sabiex f'Jum Santa Venera jingħata rikonoxximent lil xi personalitajiet Vendrizi li tul is-sena iddistingwu ruħhom jew għamlu ġieħ lil lokalita' tagħna. Wara diskussjoni l-membri qablu b'mod unanimu dwar din il-proposta u kien suġġerit sabiex jingħataw rikonoxximent lil:

1. Roan Marquette
2. Ethan Brincat
3. Rita Darmanin Carbonaro
4. Sandro Muscat
5. Lawrence Aquilina
6. St Michaels College
7. Neil Magro
8. Natalia Galea
9. Santa Venera Community Police
10. Perit Godwin Aquilina
11. Supt. Dr. Sandro Camilleri

**58.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti**

**58.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 406 u Petty Cash ġew diskussa u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Sa Courtney Farrugia u Sekondant: Is-Sur Joe Vella.

Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex Item Nru 708 – LESA li jammonta għal €105 jibqa' pendenti minħabba li xogħol ma sarx hekk kif kien rikjest mill-Kunsill.

**58.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

F'dan il-ħin, 08:30pm, is-Sindku talab sabiex issir estenzjoni tal-laqgħa minħabba li kif inhu stipulat fil-lġi, l-ħin tall-laqgħa kien skada.

Il-Membri qablu unanimament sabiex titkompla l-laqgħa.

**58.9 Lista ta' Ilemti**

**58.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti:

| | |
|---|---|
| 806 | Ħaddiema Assenjati |
| 807 | Kien hemm deċizjoni diga |
| 816 | Work Order |
| 821 | Grima & Sons |
| 824 | Isiru spezzjonijiet mill-Green Wardens jew ERA |
| 825 | Logografix |
| 827 | Transport Malta |
| 828 | Ma tistax issir |
| 829 | Work Order |
| 833 | Ma tistax issir |
| 834 | Trid tinbidel is-sistema u nġibu kwotazjoniji għal-lampi godda. Jingiebu wkoll kwotazzjoni biex jinbidlu l-fanali ta' Pjazza Franka wkoll |
| 79 | Grima & Sons |
| 837 | Contracts Manager |
| 841 | Ma tistax issir |
| 843 | Contracts Manager |
| 845 | Hemm applikazzjoni |
| 855 | Contracts Manager |
| 861 | Work Order |
| 866 | Contracts Manager |
| 871 | Trid tingabar petizzjoni |
| 873 | Contracts Manager |
| 880 | Contracts Manager |
| 818 | Grima & Sons |
| 782 | Ikun identifikat liema parti |
| 785 | Ikun identifikat fejn |
| 884 | Contracts Manager |
| 887 | Ma tistax issir |
| 888 | Ma tistax issir |
| 905 | Transport Malta |

**Ilmenti preċedenti**

| | |
|---|---|
| 600 | Jibqa' kollox kif inhu |
| 711 | Jibqa' kollox kif inhu |
| 794 | Ħaddiema Assenjati biex issir MC Bay |
| 778 | Issir Arrow Sign |
| 740 | Issir |
| 779 | Ma tistax issir |
| 750 | Issir ieħor |
| 695 | Ma tistax issir |

| | |
|---|---|
| 701 | Contracts Manager |
| 769 | Issir |
| | Triq San Ġorġ  - Issir |

## 58.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9:00pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Novembru 2022, fil-5.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 21 ta' Novembru, 2022